**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 20 ta' Dicembru, 2018

Rikors Nru : 184/18 AL

**AB**

**vs**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie kkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li *in forza* tiegħu, wara li ppremettiet :

1. Illi hija izzewget lil CD fil-25 ta' Awissu tas-sena elfejn u wiehed (25/8/2001)

2. Illi l-partijiet isseparaw legalment permezz tal-kuntratt tas-Separazzjoni taghhom datat 16 ta' Mejju tas-sena elfejn u sbatax, fl-atti tan-Nutar Dr Angele Rapa, kopja hawn annessa

3. Illi l-partijiet ilhom ma jghixu flimkien iktar minn erba' snin

4. Illi mhemm l-ebda kwistjonijiet dwar manteniment jew arretrati tal-istess

5. Illi mhemm l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet

6. Illi r-rikorrenti taf b'dawn il-fatti personalment

Talbet għar-raġunijiet fuq imsemmija, li l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara z-zwieg ta' bejn il-partijiet li zzewgu fis-25 ta' Awissu 2001 mahlul ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi ai termini tal-Artikolu 66A(1) Kapitolu 16.

2. Tordna lir-Registru tal-Qorti sabiex fiz-zmien hekk prefiss mill-Onorabbli Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex jigi registrat

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-23 ta' April, 2018 ;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi l-intimat, debitament notifikat ma pprezentax risposta u ma deherx ghal dawn il-proceduri;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati sa mis-16 ta' Mejju, 2017 u *de facto* separati ghal aktar minn erba` snin;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;